SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 20-16

Illum it-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.30p.m

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Rachel Mamo kienet preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Il-Kunsilliera Caroline Galea bagħtet tinfurma l-Kunsill bil-miktub li ma tistax tattendi l-laqgħa minħabba ċirkustanzi mhux mistennija.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 19-16 li saret nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2016 ġew approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Ħmieġ tal-Klieb*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 3.1 tal-laqgħa preċedenti u faħħar l-inizjattiva ta' *Scoop the Poop* li fiha qed jipparteċipa l-Kunsill. Huwa staqsa dwar is-servizz li kellu jingħata mill-*Green Wardens*. Il-Viċi Sindku qal li waqt laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar ġie kkonfermat lilu li l-fondi allokati għal servizz ta' *Green Wardens* jistgħu jiġu użati għal spejjeż relatati mal-ambjent bħal xiri ta' *bins* tal-klieb u tabelli dwar żamma ta' ndafa. Is-Sindku nforma l-Kunsill lit-tabelli dwar il-ħmieġ tal-klieb ser jitwaħħlu waħda fi Triq Maria De Domenicis u oħra faċċata tagħha u fi Triq Prinjoli u Dawret it-Torri.

### *1.1.2 Ittra lill-Klabb tal-Boċċi*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 1.1.7 u staqsa jekk kienx hemm tweġiba mill-Klabb tal-Boċċi għall-ittra tal-Kunsill. Is-Sindku qal li bħalissa m'hemmx kumitat u rridu nistennew li jinħatar kumitat ġdid. Il-Kunsillier Bonello qal li tgħid li m'hemmx kumitat mhux aċċettabli għax għandu jwieġeb min kien responsabbli dak inhar li saret l-attivita'.

### *1.1.3 Żbir ta' Siġar*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għall-minuta 1.1.8 u qal lis-siġar li nżabru fi Triq Inez Soler ġew koroh. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn inżbaru skond kif intqal fil-laqgħa preċedenti.

### *1.1.4 Attivitajiet*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u qal li ma jaqbilx li Ġieħ Santa Luċija jingħata fl-okkazjoni tal-festa ta' Santa Luċija. Huwa qal li sa kemm ma jkunx xi każ ta' ċertu urġenza dan il-Ġieħ għandu jibqa assoċjat u jingħata f'Jum Santa Luċija fis-7 ta' Lulju. Is-Sindku qal li din is-sena ma sarx f'Jum Santa Luċija u ser jingħata fit-13 ta' Diċembru 2016 waqt l-attivita' li ser jagħmel il-Kunsill fl-okkazjoni tal-festa ta' Santa Luċija. Kien hemm diskussjoni u ma ntlaħaqx ftehim.

### *1.1.5 Water Gutter fi Triq Pensjeri u Bollard fi Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 8.2 u qal li l-*water gutter* li sar fi Triq Pensjeri għandu jibqa jdur mal-kantunieri tat-triq. Huwa rrefera wkoll għal minuta 8.6 dwar *bollard* li kellha tersaq fi Triq Tursin il-Bir. Is-Sindku qal li ser tiżdied bollard oħra.

### *1.1.6 Ittra lill-Ministru tal-Finanzi*

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa jekk kienetx inbagħtet l-ittra lill-Ministru tal-Finanzi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jrid isir eżerċizju biex jiġi stabbilit id-dħul li kien hemm mill-Bye-Laws tal-Ġnien u ispejjeż li għamel il-Kunsill fuq il-manutenzjoni ta' dan il-ġnien qabel tintbagħt l-ittra. Il-Viċi Sindku qal li issa tard wisq għax diġa għadda l-*budget*. Is-Sindku qal li meta ġie deċiż li tinbagħt l-ittra, jiġifieri fil-laqgħa preċedenti, il-*budget* tal-Gvern kien diġa' lest.

### *1.1.7 Proġett Welcome*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-Proġett Welcome u qal li jħoss li d-delegazzjoni kellha tkun infurmata lis-Sindku mhux ser jattendi. Huwa qal li lanqas il-laqgħa pubblika li kellha ssir ma saret. Huwa kompla jgħid li kien qed jgħid hekk ħalli għal darb' oħra l-affarijiet isiru aħjar. Is-Sindku qal li kellu jħassar il-parteċipazzjoni tiegħu minħabba appuntament mediku li ma setax jiġi pospost.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-Erbgħa, 28 ta' Settembru 2016 u t-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1029-16-O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ
- 1037-16-O – ERA – Applikazzjoni dwar tneħħija ta' siġar fi Triq Maria De Domenicis
- 1064-16-O – Residenti Blokk A Triq Tursin il-Bir – Rampa fl-entratura
- 1106-16-O – Dipartiment Għall-Kura Primarja – Ħsarat fis-soqfa tal-Berġa

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1060-16-I – Kunsillier Liam Sciberras – Żbir ta' siġar
- 1071-16-I – Viċi Sindku – Servizz ta' *Green Wardens*
- 1076-16-I – Santa Luċija Library – *Christmas Leave*
- 1085-16-I – Chairman ADG – *Use of Tea Room for Art Discussion Group*
- 1093-16-I – Government Service – *Application for motor Cycle Bay in* Vjal Oleandri
- 1103-16-I – Ċirkulari Numru 35-2016 – Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Communities – Literacy Project at Local Level*
- 1108-16-I – Wasteserv – Inizjattiva ambjentali - *Wee Malta Trolley*
- 1117-16-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Ċirkulari Numru 36-2016 – *Templates* tal-Aġenda u Minuti
- 1136-16-I – Sid ta' Residenza fi Triq il-Vjoli – Olterazzjoni fil-bankina
- 1158 -16-I – Residenta – *Bus Terminus* Triq Guljetta Lopez

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- **SLLC Memo 30-2016** - ***Structural Appraisal Report u Rampa fil-Blk.A Triq Tursin il-Bir***
- **SLLC Memo 31-2016 - Upgrading tat-turġien fil-ħames daħliet li mill-Jogging Track jagħtu għall-Triq il-Ġnien**
- **SLLC Memo 32-2016 - Approvazzjoni għall-Xiri**
- **SLLC Memo 33-2016 - Approvazzjoni għall-Xiri – Attivitajiet Milied 2016**
- ***Att Dwar Opportunitajiet Indaqs(Persuni b'Diżabilita') – Rapport Annwali 2014-2015 – KNDP***
- ***Parlament ta' Malta – Mill-Parlament perjodiku maħruġ mill-Uffiċċju tal-iSpeaker***

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1060-16-I is-Sindku nforma lill-Kunsillier Sciberras li l-kuntrattur għadu għaddej biż-żbir tas-siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tara lis-siġar tal-Ewkaliptus li semma l-Kunsillier Sciberras qiegħdin fil-lista ta' siġar li jridu jinżabru.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1071-16-I il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li l-fondi tar-Reġjun jintużaw għal kiri ta' servizz ta' *green wardens*. Huwa qal li kif diġa spjeġa fil-bidu tal-laqgħa, għandu l-konferma mir-Reġjun Nofsinhar li dawn il-fondi jistgħu jintużaw għal proġetti ambjentali bħal tabelli għaż-żamma ta' ndafa u *bins* għal ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1076-16-I il-Kunsill laqgħa t-talba tal-librara għal jumejn *leave* f'Diċembru 2016. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ avviż li l-Librerija Pubblika ser tinżamm magħluqa f'dawn il-ġranet partikulari.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1085-16-I il-Kunsill laqgħa talba taċ-Chairman tal-Art Discussion Group biex jużaw it-*Tea Room* għall-laqgħa li ssir darba fix-xahar.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1093-16-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni biex issir *parking bay* għal mutur fi Vjal Oleandri kienet ġiet irrifjutata. Il-Kunsill qabel li r-resident li ressaq din it-talba għandu jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1103-16-I il-Kunsill iddiskuta inizjattiva finanzjarja dwar proġetti relatati ma' mpenn soċjali tal-Kunsill ħalli jikkontribwixxi għall-kommunitajiet aktar b'saħħithom. Il-Kunsill Sciberras, flimkien mal-Kunsillier Joe Bonello u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Rachel Mamo ser ikunu qed jaħdmu fuq proposta għall-parteċipazzjoni f'din l-iskema.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1108-2016 il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-inizjattiva Weee Malta Trolley u li dan it-*trolley* għandu jitqiegħed fil-*Picnic Area*.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1117-16-I il-Kunsill ġie nfurmat bit-*templates* ġodda li ħareġ id-Dipartiment Għall-Gvern Lokali li jridu jibdu jintużaw għall-Aġenda u għall-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tkun qed tattendi għal taħriġ f'dan ir-rigward.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1136-16-I il-Kunsill innota talba minn sid ta' residenza fi Triq il-Vjoli li talbet li ssir olterazzjoni fuq il-bankina peress li għandha l-permess tal-Mepa biex tiftaħ bieb ta' garaxx. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi nfurmat il-perit tal-Kunsill biex jara x'olterazzjoni hemm bżonn u qabel li jekk issir xi olterazzjoni, din għandha ssir bi spejjeż tas-sid tar-residenza.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1158-16-I il-Kunsill innota kopja ta' *e-mail* li nbagħtet lil Transport Malta minn residenta li qed ikollha inkonvenjent mill-karrozzi tal-linja li jiefqu fuq il-*bus terminus* għal ħin eċċessiv bil-magni mixgħula.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Proġett Welcome*

Is-Sindku stieden lil Kunsillier Bonello biex jagħti *brief* lill-Kunsill fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' delegazzjoni mill-Kunsill fil-Proġett Welcome li sar f'Herrera del Duque fi Spanja. Il-Kunsillier Bonello ippreżenta quddiem il-Kunsill ftehim ta' koperazjoni u ħbieberija li kien iffirmat bejn is-seba' parteċipanti li pparteċipaw f'dan l-avveniment li sar taħt il-programm Europe for Citizens. Huwa qal li l-konferenza kienet mill-aktar interessanti u l-parteċipanti minn Santa Luċija ħadu sehem attiv fil-*workshops* kollha li saru. Is-Sur Bonello kompla jgħid li ħadu ritratti kif ukoll *videos* tal-konferenza. Il-Kunsillier Liam Sciberras li kien wieħed mill-parteċipanti għandu jħejji *brief* dwar din il-konferenza li kienet tittratta l-problema tal-imigrazzjoni. Il-Kunsillier Bonello qal ukoll li l-belt ta' Lubriano fl-Italja, li kien wieħed mill-parteċipanti f'dan il-proġett, għandu nteress li jkompli jaħdem fuq il-proposta ta' Ġemellaġġ bejn il-lokalita' ta' Santa Luċija u dik ta' Lubriano. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet kitbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-proposta u qatt ma ngħatat tweġiba.

### *4.2 Kuntratt G4S*

Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt li għandu mal-G4S fir-rigward ta' servizz ta' *Cash in Transit* biex id-depositi ta' flus u ċekkijiet jitwasslu fil-banek mill-Group 4 Services bir-rata ta' €19.50 kull trip.

### *4.3 Lanterni LED fil-Jogging Track*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-LED *lanterns* li kellhom jitwaħħlu fil-Jogging Track ser jiġu nstallati hekk: waħda fejn is-*subway*, waħda ftit 'il bogħod minnha fejn Blokk V u oħra fl-istess *area*.

### *4.4 Kor Angelic Voices*

Is-Sindku rrefera għal kor tat-tfal Angelic Voices li ser jgħatu l-Kunċert tal-Milied fil-Knisja San Piju X nhar it-Tlieta, 13 ta' Diċembru 2016 waqt attivta organizzata mill-Kunsill ta' Santa Luċija.

Is-Sindku qal li saritlu talba mis-Sister li tieħu ħsieb il-kor biex jintraw qomos għat tfal għall-okkazjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara x'hini l-ispiża nvoluta.

### 4.5 Ilment minn Kunsillier

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li mhux aċċettabli li jidħol fl-uffiċju tal-Kunsill u jkun hemm bniedem voluntier li jkellmu b'attitudni mhux xierqa quddiem in-nies. Huwa qal li dan il-bniedem akkużah li qal ċertu kliem meta fil-verita' hu mhux hekk kien qal.

### 4.6 Attivita' tas-sotto kumitat Oqsma Kommunitarji għax-xahar ta' Diċembru 2016

Il-Kunsillier Bonello qal li kien ser jagħmel l-arranġamenti biex jieħu lir-residenti jaraw il-Kunċert tal-Milied li ser jittella' mill-Kor Nazzjonali waqt serata li ser issir speċifikament għall-Kunsilli Lokali fix-xahar ta' Diċembru 2016.

### 4.7 Arblu fi Trejqet Garnaw

Is-Sindku għandu jiċċekja dwar arblu li skond ħaddiema tal-Enemalta jinsab wara grada ta' propjeta privata fi Trejqet Garnaw u li m'għandux l-approvazzjoni neċessarja.

### 4.8 Attivita' mill-Girl Guides fil-Jum Dinji tat-Tfal

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ġiet tkellimha l-*group leader* tal-Girl Guides ta' Santa Luċija dwar attivita li jixtiequ jtellu fil-Ġnien Ċiniż fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. Hija qalet li kellha ssir laqgħa f'dan ir-riġward u ser iżżomm il-Kunsill infurmat b'aktar dettalji dwar din l-attivita'.

### 4.9 Bankijiet fi Pjazza Dorell

Il-Kunsill innota talba minn residenta li toqgħod Pjazza Dorell li talbet li jitneħħew il-bankijiet li hemm fil-pjazza minħabba storbju li qed jagħmlu xi żgħazagħ li jibqu hemm sa kmieni filgħodu. Is-Sindku qal li kien għadda r-rapport lill-Pulizija.

### 4.10 Mera Dawret it-Torri

Il-Kunsill laqgħa talba ta' resident biex issir mera f'Dawret it-Torri faċċata ta' Triq in-Narċis.

### 4.11 Tabella fi Ġnien is-Serenita'

Saret referenza għall-tabella kbira li kienet tintuża għar-*road map* li kien hemm fi Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku ppropona li din issirliha l-manutenzjoni neċessarja biex titwaħħal fi Ġnien is-Serenita. Ġie deċiż li din għandha titwaħħal fuq barra tal-entratura mal-ħajt vojt fuq in-naħa tal-lemin.

### *4.12 Ħmieġ tal-klieb fi Trejqet il-Qronfol*

Il-Kunsill innota ilment dwar ħmieġ tal-annimali fi Trejqet il-Qronfol. Għandhom jitaħħlu tabelli edukattivi f'dan ir-rigward.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6370 sa numru BOV 6410 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-23 ta' Settembru 2016 u t-18 ta' Ottubru 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 19-16(27-09-2016).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Settembru 2016 | Ammont *Gross* | €5010.74 |
| Salarji għax-xahar ta' Ottubru 2016 | Ammont Gross | €4559.67 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet u Servizzi:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | Parks and Gardens | Serv.Sett.-2016 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv. Awissu 2016 | 744.00 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-02) | Serv.Settem. 2016 | 723.00 |
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Extra Serv. | 350.00 |
| Ronald Bezzina | SS(57-15-03) | Serv. Settem.2016 | 940.10 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv. Settem.2016 | 1961.67 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv.Settem.2016 | 366.93 |
| Rite Mix (Gatt Bros) | RR(PPP57-11-02) | Triq G.Lopez-4th Installment | 4844.73 |
| Siro Camilleri | SLLC Q(57-16-04) | Kuratur CG-Settemb. 2016 | 277.00 |
| Matthew Schembri | SLLC Q(57-15-07) | Serv. Awwiss 2016 | 671.25 |
| Matthew Schembri | SLLC Q(57-15-07) | Serv.Settem.2016 | 671.25 |

### *5.3.1 Water culvert fi Triq Pensieri*

Il-Kunsill iddiskuta kont li bagħt il-kuntrattur Ricky Caruana li jammonta għas-somma ta' €3666.00 relatat mal-kostruzzjoni ta' *water culvert* li sar fi Triq Pensjeri. Ġie nutat li l-ispiża li kienet ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti kienet ta' €1890.00. Il-Viċi Sindku qal li kieku kien jaf li dan il-*water culvert* kien ser jiġi jiswa kważi erbat elef *euro* żġur ma kienx ser japprovah. Huwa staqsa min kien ħareġ l-ordni biex isir ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Ricky Caruana kien bagħt kwotazzjoni riveduta li kienet tinkludi l-*grids* ta' fuq il-*water culvert* u kienet tammonta għas-somma ta' €2750.00 u kellha tersaq f'din il-laqgħa tal-Kunsill. Minn dak inhar il-kuntrattur bagħt ukoll ritratti tal-*water culvert* kważi lest kif ukoll kont ieħor - *final bill* ta' €3666.00 għax skond hu il-*water culvert* kien twil 133 pied u l-kwotazzjoni riveduta ta' €2750 kienet għal *water culvert* ta' 100 pied. Is-Sindku qal li hu ma kienx ta ordni lil Kuntrattur biex ikompli iżda kien qallu biss biex jibgħat kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur għandu jkun preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex jagħti spjegazzjoni ta' kif ġraw l-affarijiet.

### *5.3.2 Żewġ gates fl-area tal-playing field*

Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ta' €1150.77 għall-manifattura u twaħħil ta' żewġ *gates* iggalvanizzati fil-Playing Field area.

Il-Viċi Sindku staqsa għala ma ntużatx il-*gate* li kienet inqalet minn Ġnien is-Serenita. Is-Sindku qal li dik ser tintuża fl-iScupture Garden. Ma kienx hemm oġġeżjoni għal din il-kwotazzjoni.

### *5.3.3 Armar ta' dawl dekorattiv għall-festi tal-Milied*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €1165.00 għal tiżjin ta' toroq fil-ġranet tal-Milied. Is-Sindku qal lit-tiżjin ser ikun bħal tas-sena l-oħra u aktar.

### *5.3.4 Kwotazzjoni għall-xiri ta' lampi bil-kulur*

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għal xiri ta' lampi LED bil-kuluri għal Picnic Area u Scupture Garden fejn ser jilħqu l-qofol tagħom l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel lis-somma ta' €997.50 hija għalja wisq u kien ser isib alternattiva oħra għal dawn il-lampi.

### 5.3.5 Kordinatur attivita' Read with Me

Il-Kunsill approva ħlas ta' €140 lil kordinatur inkariġat mill-Kunsill fuq l-inizjattiva Read With Me li ssir fit-Tea Room wara l-ħinijiet tal-uffiċċju. L-ispiża kienet tkopri l-kordinament ta' erbatax il-lezzjoni.

### *5.4 Kont: SLLC Berġa-1-2016*

Il-Kunsill iddiskuta l-kont li bagħt il-Kunsill lid-Dipartiment Għall-Kura Primarja għar-rimborż tal-ispejjeż li għamel il-Kunsill biex isir ir-*refurbishment* tal-Berġa qabel jiġi ffirmat il-ftehim biex din tkun amministrata mill-Kunsill. Ġie nutat li f'*e-mail* li rċieva l-Kunsill kien infurmat li dan il-kont kien ser jitħallas sħiħ iżda fil-fatt il-pagament li rċieva l-Kunsill kien ta €2211.00 anqas. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet nkarigata tikteb dwar din id-diskrepanza.

## 6. BYE-LAWS ĠNIEN IS-SERENITA'

Il-Kunsill qabel li d-diskussjoni fuq il-Bye-laws tiġi posposta għall-laqgħa li jmiss.

## 7. ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Il-Kunsill qabel li l-pożizzjoni tiegħu fir-riġward tal-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv baqgħet l-istess.

## 8. TRIQ IL-ĠIŻIMIN

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport li ħejja l-perit tal-Kunsill dwar il-ħsarat li hemm fi Triq il-Ġiżimin u x-xogħol relatat mal-*manhole* li kellu jsir f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lid-Drainage Department dwar il-parti tat-triq madwar it-tappiera tad-dranagg li tidher li niżlet. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha titħaffer *pit* ta' metru kwadru fil-post fejn immarkaw il-ħaddiema tal-Korpoazzjoni tal-Ilma, biex jaraw fejn jagħtu l-*gutters* u jsir rapport dwar il-pedamenti tat-triq kif irrakomanda l-perit fir-rapport tiegħu.

## 9. TMIEM

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru 2016 fl-4.30 p.m.

Iffirmata
**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn ,21 ta' Novembru 2016**

Iffirmata
**Terrence Ellul**
**Sindku**